MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## JOSEPH R. MICALLEF

Seduta tal-25 ta' Mejju, 2005

Rikors Numru. 123/2005

**Saviour FARRUGIA bħala uffiċjal inkarigat mit-Taqsima Arretrati għan-nom u in rappreżentanza tal-Korporazzjoni Telemalta**

**vs**

**John SCIRIHA**

**Il-Qorti:**

Rat ir-Rikors imressaq fit-2 ta' Frar, 2005, li bih il-kumpannija rikorrenti talbet;

Illi l-kawża fl-ismijiet fuq premessi (Ċit.Nru. 967/95NA) ġiet deċiża minn din il-Qorti fl-14 ta' Frar 1996, u fl-istess kawża l-konvenut ġie kkundannat iħallas lis-Soċjeta' Kummerċjali Maltacom plc s-somma ta' Lm312.95 (tlett mija u tnax-il Lira Maltin u ħamsa u disgħin ċenteżmu), in konnessjoni mas-servizz telefoniku numru 338667, bl-imgħax u bl-ispejjeż;

Illi s-Soċjeta’ Maltacom plc illum issuċċediet dik li qabel kienet il-Korporazzjoni Telemalta u għalhekk hija l-istess Soċjeta’ rikorrenti li llum għandha interess fil-kawża indikata fl-ismijiet fuq premessi;

Illi mill-imsemmija somma l-konvenut ħallas biss is-somma ta’ Lm100 (mitt Lira Maltin), u b’hekk l-ammont dovut fil-mument, huwa ta’ Lm212.95 (mitejn u tnax-il Lira Maltin u ħamsa u disgħin ċenteżmu), oltre Lm71.91 (wieħed u sebgħin Lira Maltin u wieħed u disgħin ċenteżmu) spejjeż u drittijiet professjonali skond l-annessa taxxa mmarkata Dokument “A” kif ukoll Lm4.50 (erba’ Liri u ħamsin ċenteżmu) bħala VAT skond l-istess Dok “A”, flimkien ma’ Lm147.64 (mija seba’ u erbgħin Lira Maltin u erbgħa u sittin ċenteżmu), imgħax legali kalkolat bit-tmienja fil-mija (8%) fis-sena mid-data tas-sentenza sal-4 ta’ Ottubru, 2004, u għalhekk l-ammont dovut lill-esponenti huwa ta’ Lm437 (erba’ mija u seba u tletin Lira Maltin), salv kull imgħax ulterjuri sad-data tal-pagament effettiv;

Illi mid-data tas-sentenza għaddew aktar minn ħames (5) snin u s-Soċjeta’ esponenti għandha interess illi tipproċedu permezz tal-mandati opportuni sabiex tiġbor l-ammont lilha dovut;

Għaldaqstant l-esponenti filwaqt illi tagħmel referenza għall-artikolu 258 *et sequitur* tal-Kodiċi ta’ Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili (Kap.12) tal-Liġijiet ta’ Malta titlob bir-rispett illi dina l-Onorabbli Qorti jogħġobha tawtorizzaha tipproċedi bil-mandati opportuni sabiex tesegwixxi s-sentenza fl-ismijiet fuq indikati.

Rat li l-intimat notifikat ma ppreżentax risposta u lanqas deher meta ssejjaħ ir-Rikors;

Rat li r-rikorrenti nomine kkonferma bil-ġurament il-kontenut tar-rikors u li ma tħallas xejn fil-mori ta’ dawn il-proċeduri;

Illi għalhekk it-talba tar-rikorrenti tirriżulta ġustifikata u għalhekk **tilqa’ t’talbiet tal-istess rikorrenti**.

**Bl-ispejjeż kontra l-intimat.**

**Moqrija**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------